

32004L0034

L 89/35

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

26.3.2004

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2004/34/KE

tat-23 ta' Marzu 2004

li temenda, bl-iskop ta' adattament għal progress tekniku, l-Annessi I u II tad-Direttiva 96/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ismijiet ta' tessuti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 96/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru dwar ismijiet ta' tessuti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 96/74/KE tippreskrivi regoli dwar it-tikkettjar jew markar ta' prodotti fir-rigward tal-kontenut tagħhom ta' fibra li tintiseġ, biex ikun żgurat li l-interessi tal-konsumatur ikunu b'hekk imħarsa. Prodotti minsuġa jistgħu biss jitqiegħdu fis-suq fil-Komunità jekk ikunu jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.
- (2) Mħabba sejbiet reċenti minn grupp ta' xogħol tekniku, hu meħtieġ, għall-finijiet ta' adattament tad-Direttiva 96/74/KE għal progress tekniku, li l-fibra *polylactide* tiżdied mal-lista ta' fibri preskritti fl-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva.
- (3) Id-Direttiva 96/74/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar Direttivi li jirrigwardaw Ismijiet u Tikkettjar ta' Tessuti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 96/74/KE hi emendata kif ġej:

1. Fl-Anness I tidħol il-filliera 33a li ġejja:

| | | |
|------|-------|---|
| "33a | Fibra | ta' <i>polylactide</i> magħmula minn makro-molekuli lineari- li jkollhom fil-katina mill-inqas 85 % (f'massa) ta' unitajiet ta' esterji ta' aċidu lattiku derivati minn zokkor naturali, u li jkollhom temperatura li fiha jinħallu ta' 135 °C" |
|------|-------|---|

2. Fl-Anness II tidħol l-annotazzjoni 33a li ġejja:

| | | |
|------|-------------|-------|
| "33a | Polylactide | 1,50" |
|------|-------------|-------|

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Marzu 2005 l-aktar tard. Għandhom minnufih jgħaddu lill-Kummissjoni it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jagħmlu referenza għal din id-Direttiva jew jinkludu din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu kif għandha tkun magħmula din ir-referenza.

2. Stati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 32, tat-3.2.1997, p. 38. Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/37/KE (ĠU L 169, tas-27.6.1997, p. 74).